MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Numru. 565/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Mario Campolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Campolo detentur tal-karta tal-identita` numru 17382(A).

Akkuzat talli nhar il-11 ta’ Lulju 2012 ghal habta tal-1040hrs gewwa Paola:

1. ikkommetta serq ta’ nuccalijiet li l-valur taghhom jeccedi il-€232.94 minn Tanti Opticians, Pjazza Antoine De Paule, Paola, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta’ €2329.37 u sar ghad-detriment ta’ Peter Camilleri u / jew persuna/i, entita’ u / jew entitajiet ohra;
2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat, u / jew xjentement b’kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 261(c), 267, 279(a) u 334 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

Rat l-ammissjoni mill-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, qed issib lill-imputat Mario Campolo hati tal-ewwel (1) akkuza u tpoggih taht Probation Order ghal zmien tliet (3) snin filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza stante li hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------